

# IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## DEĊIJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

tat-2 ta' Ġunju 2020

**dwar il-kanċellazzjoni ta' ċerti rapporti dwar azzjonijiet u miżuri meħuda skont ir-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1 u r-Rakkmandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

**(BERS/2020/10)**

(2020/C 205/07)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(f) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

- (1) Fit-Taqsimiet 2.3.1 sa 2.3.3 tar-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(3)</sup>, id-destinatarji ta' dik ir-Rakkmandazzjoni huma mitluba jirrapportaw lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li ħadu d-destinatarji biex jikkonformaw mar-Rakkmandazzjoni, jew biex jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni kull tliet snin. L-ewwel rapporti minn kull destinatarju kellhom jintbagħtu sat-30 ta' Ġunju 2016. Il-ġabru tal-ewwel rapporti rċevuti ffurmaw il-bażi tal-ewwel valutazzjoni ta' konformità mill-BERS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1. Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ġew approvati mill-Bord Ġenerali tal-BERS fl-1 ta' Frar 2019 u r-Rapport ta' Konformità fil-Qosor, li jipprovdji valutazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni tar-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1, mid-destinatarji tagħha, ġie ppublikat fuq is-sit elettroniku tal-BERS f'Mejju 2019.
- (2) Fit-Taqsima 2.3.1 tar-Rakkmandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(4)</sup>, l-awtoritajiet relevanti huma mitluba jirrapportaw kull sentejn lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal dik ir-Rakkmandazzjoni, jew biex jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni. L-ewwel rapporti minn kull awtorità relevanti kellhom jintbagħtu sat-30 ta' Ġunju 2017. Il-valutazzjoni tal-konformità għar-Rakkmandazzjoni għadha għaddejja.
- (3) Id-Deċiżjoni BERS/2019/15 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(5)</sup> ipposponiet id-dati għas-sottomissjoni tat-tieni rapporti taħt ir-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1 u BERS/2015/2 rispettivament b'sena sat-30 ta' Ġunju 2020.

<sup>(1)</sup> ĠUL 331, 15.12.2010, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

<sup>(3)</sup> Rakkmandazzjoni BERS/2014/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-18 ta' Ġunju 2014 dwar gwida għall-iffissar tar-rati tar-riżerva kontroċiklika (ĠU C 293, 2.9.2014, p. 1).

<sup>(4)</sup> Rakkmandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

<sup>(5)</sup> Deċiżjoni BERS/2019/15 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-28 ta' Ġunju 2019 dwar id-differiment ta' ċerti rapporti dwar azzjonijiet u miżuri meħuda skont ir-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1 u r-Rakkmandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU C 264, 6.8.2019, p. 2).

- (4) Il-membri tal-BERS u d-destinatarji tar-Rakkmandazzjonijiet BERS/2014/1 u BERS/2015/2 qegħdin jevalwaw l-implikazzjonijet tal-coronavirus (COVID-19) u qegħdin isegwu firxa ta' miżuri mmirati biex itaffu l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja. Minħabba l-isfidi sinifikanti assoċjati mal-firxa tal-COVID-19, għalhekk huwa xieraq li d-destinatarji ma jibqgħux meħtieġa jissottomettu t-tieni rapporti taħt ir-Rakkmandazzjonijiet BERS/2014/1 u BERS/2015/2, li huma dovuti sat-30 ta' Ġunju 2020.
- (5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex taffettwa t-talbiet għas-sottomissjoni ta' kwaluinkwe rapport sussegwenti taħt ir-Rakkmandazzjonijiet BERS/2014/1 u BERS/2015/2,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

#### Artikolu 1

##### **Kanċellazzjoni ta' ċerti rapporti dwar azzjonijiet u miżuri meħuda**

1. Id-destinatarji tar-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1 m'għadhomx meħtieġa jissottomettu t-tieni rapport tagħhom, li huwa dovut sat-30 ta' Ġunju 2020, dwar il-miżuri li huma ħadu biex jikkonformaw ma' dik ir-Rakkmandazzjoni, jew biex jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni.

Xejn fil-paragrafu 1 m'għandu jaffettwa t-talba għas-sottomissjoni tar-rapporti sussegwenti dovuti skont id-dispożizzjonijiet tar-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1.

2. Id-destinatarji tar-Rakkmandazzjoni BERS/2015/2 m'għadhomx meħtieġa jissottomettu t-tieni rapport tagħhom, li huwa dovut sat-30 ta' Ġunju 2020, dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal dik ir-Rakkmandazzjoni, jew biex jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni.

Xejn fil-paragrafu 2 m'għandu jaffettwa t-talba għas-sottomissjoni tar-rapporti sussegwenti dovuti skont id-dispożizzjonijiet tar-Rakkmandazzjoni BERS/2015/2.

#### Artikolu 2

##### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Ġunju 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Ġunju 2020.

*Kap tas-Segretarjat tal-BERS,  
f'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS  
Francesco MAZZAFERRO*